# RAPPORT TAS-SENA 1999-2000

# ESTIMI GĦAS-SENA 2000-2001







AWTORITA TAD-DJAR • HOUSING AUTHORITY

Rapport Amministrattiv
Bejn l-1 ta' Ottubru, 1999
u t-30 ta' Settembru, 2000

Rapport Finanzjarju
Bejn l-1 ta' Ottubru, 1999
u t-30 ta' Settembru, 2000

Estimi ta' Nfieq u Dħul
Bejn l-1 ta' Ottubru, 2000
u t-30 ta' Settembru, 2001

Imħejjija skond l-Artikli
11 u 13 ta' l-Att
Dwar l-Awtorita' tad-Djar (Kap. 261).

KONTENUT


RAPPORT AMMINISTRATTIV: .......................................... 1 - 35

RAPPORT FINANZJARJU: .......................................... 36 - 40

ESTIMI GĦAS-SENA 1999/2000: .......................................... 41 - 46

AWTORITA' TAD-DJAR

RAPPORT AMMINISTRATTIV 1999/2000

*DAĦLA*

1.1 Dan ir-rapport ifisser ħidmet l-Awtorita' tad-Djar bejn l-1 ta' Ottubru, 1999 u t-30 ta' Settembru, 2000.

1.2 Fis-16 ta' Settembru 1999 skada t-terminu tal-Bord preċedenti u permess ta' Avviż Legali Numru 738 tat-8 ta' Ottubru 1999, l-istess Bord reġa ġie kkonfermat b'effett mis-17 ta' Settembru 1999. Il-Bord hu kompost minn:-

Is-Sinjura Marisa Micallef Leyson M.Sc (Policy Studies) (Chairperson)
Dr. Joseph Azzopardi LL.D
Is-Sur Carmel Esposito
Is-Sur Tonio Fenech B.A. (Hons) Accty, MIA, CPAA
Dr. George Grech M.R.C.S.(Eng), L.R.C.P. (Lond)
Is-Sur Marcel Pisani
Is-Sur Anton Valentino B.A (Arch.) B. Arch. (Hons) A & CE
Is-Sinjorina Sue Vella M.Sc., B.A. (Hons) Psych., Dip. App. Soc. Stud.
Is-Sur Victor Sciberras Grioli (Segretarju).

F'Settembru 2000, il-Bord, kif kompost, ġie kkonfermat għal sena oħra b'effett mis-17 ta' Settembru 2000.

1.3 Il-Membri tal-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar iltaqgħu 11-il darba biex jiddiskutu diversi materji u jittieħdu diversi deċizjonijiet. Saru laqgħat oħra f'forma ta' Sottokumitat.

2. Il-Politika ta' l-Awtorita' tad-Djar

2.1 L-Awtorita' tad-Djar tfassal u twettaq l-attivita' kollha tagħha madwar il-politika tal-Gvern fil-qasam tad-djar - politika li tinbena fuq tlieta pilastri.

- L-intervent ta' l-Istat biex jassigura djar diċenti għax-xiri bi prezz li l-familji medji jkunu jistgħu jlaħħqu miegħu (*housing affordability*);
- Ir-rwol ta' l-Istat biex jassigura stokk adegwat ta' djar b'kera soċjali (*social housing*); u

- Ir-rwol ta' l-Istat biex jindirizz oqsma ta' bżonnijiet speċjali fejn il-provediment ta' akkomodazzjoni waħedha m'hijiex biżżejjed (*special needs housing*).

L-Awtorita' tad-Djar hija organizzazjoni ewlenija tal-Gvern fit-twettieq ta' din il-politika. Dan joħroġ mill-mandat mogħti lill-Awtorita' bil-leġislazzjoni li twaqqaf din l-Awtorita' Fid-dawl ta' l-għan ewlini tal-Gvern li l-qasam tad-djar f'Malta jkun trattat fuq livell komprensiv biex jitlaħqu aħjar il-bzonnijiet ta' dawk l-aktar fil-bzonn, l-Awtorita' ingħtat mandat mill-Kabinet biex tassumi fi ħdana l-amministrazzjoni kollha tas-servizzi mogħtija mill-Gvern fl-implementazzjoni tal-politika ndikata hawn fuq. Dan ifisser li tul il-perjodu 2000-2002, l-Awtorita' tad-Djar ser tassumi r-responsabilita' ta' l-izvilupp u mmaniġġjar ta' kull skema ta' bejgħ, kiri, manutenzjoni, tibdil, u titjib ta' djar. B'din il-miżura, ikun hemm kordinament aħjar tax-xogħol għall-benefiċċju tal-klijenti u għall-użu aħjar tar-riżorsi. Dan ifisser ukoll li l-Awtorita' ser tgħaddi minn proċess ta' riorganizzazzjoni biex tkun tista' taqdi r-responsabilitajiet fdati lilha.

Ix-xogħol ta'l-Awtorita' ser jkun komplimentat mid-direzzjoni kordinattiva u regolatorju tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali li filwaqt li ser jgħaddi l-biċċa l-kbira tax-xogħol tiegħu lill-Awtorita', ser jiżviluppa l-kompetenzi neċessarji biex jassumi rwol kordinattiv u regolatorju. B'din ir-riforma, tkun tista' tibda' tiġi żviluppata politika strateġika komprensiva bbażata fuq analiżi xjentifika u demografika tal-bzonnijiet dejjem jinbidlu f'dan il-qasam kruċjali tal-politika soċjali Maltija.

2.2 In-nuqqas ta' bażi xjentifika u demografika fl-iżvilupp tas-settur tad-djar f'Malta ilu jinħass għal bosta snin. Kien għalhekk li s-sena li għaddiet l-Awtorita' ħadet l-inizzjattiva li twaqqaf fi ħdana taqsima ta' riċerki u żvilupp ta' politika *(Research and Policy Development Unit)*. Tul din is-sena, din it-taqsima kompliet tistabbilixxi ruħa u taqdi funzjoni kruċjali fl-iżvilupp ta' l-operat ta' l-Awtorita'. L-applikazzjonijiet kollha qegħdin jiġu analizzati kontinwament biex l-istatistika miġbura tgħin lill-Bord ta' l-Awtorita' jiżviluppa skemi li jolqtu firxa akbar ta' nies fil-bżonn. Din it-taqsima kienet involuta wkoll fil-preparazzjoni xjentifika marbuta mal-Konferenza Nazzjonali dwar l-akkomodazzjoni soċjali organizzata mill-Ministeru għall-Politika Soċjali f'April 2000 flimkien ma' l-Awtorita' tad-Djar

Huwa mistenni li x-xogħol ta' din it-taqsima ikun ukoll strument importanti biex tipprovdi lid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali l-istatistika u xejriet demografiċi relevanti għad-Dipartiment fix-xogħol ġdid ta' koordinazzjoni strateġika u regolatorju tas-settur.

2.3 L-amalgamazzjoni tas-servizzi mogħtija mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali mal-operat ta' l-Awtorita' tad-Djar ingħatat spinta qawwija bl-approvazzjoni tal-Kabinet għal sistema ta' punti li ser tiġbor fiha fl-lista waħda lil kull min qed japplika biex jikri akkomodazzjoni mill-gvern. Il-Kumitat li kien waqqaf il-Ministru għall-Politika Soċjali, biex jirrevdi s-sistemi ta' punti mħaddna mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali u mill-Awtorita' tad-Djar bl-iskop li tinħoloq sistema waħda ta' punti li tkun trasparenti, aktar ekwa, u sensittiva għal dawk l-aktar fil-bżonn, lesta x-xogħol tiegħu. B'riżultat ta' dan, u wara l-approvazzjoni tal-Kabinet, l-Awtorita' tad-Djar bdiet tagħmel spezzjonijiet fid-djar ta' l-applikanti kollha li qegħdin jistennew fuq il-lista *(waiting list)* tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali. Dan il-proċess għandu jitlesta sal-bidu tas-sena l-ġdida. Fl-istess ħin, kull applikazzjoni ġdida li qed tidħol qed issirilha spezzjoni dettaljata fi żmien tlett ġimgħat minn meta tiġi reġistrata.

Bis-saħħa ta' dan, ser ikun hemm lista waħda li fuqha ser jingħataw kull post għall-kiri. Din il-lista ser tkun publika b'mod li, filwaqt li tkun rispettata l-kunfidenzjalita' ta' l-applikanti, l-applikant ikun jista' jiċċekja f'liema ordni ta' prijorita' qegħda l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u għall-liema tip ta' proprjeta' qiegħed jikkwalifika. Dan il-proċess ser jassigura li fl-għoti ta' akkomodazzjoni b'kiri tkun inwettqa d-direzzjoni politika tal-Gvern, li:

- Tingħata prijorita' lil min l-aktar għandu bżonn;
- Li tinħoloq sistema aktar ekwa; u
- Li s-sistema imħaddma tkun sistema aktar trasparenti.

2.4 Fit-twettieq tal-politika tal-Gvern li l-Awtorita' tassumi rwol aktar prinċipali fil-qasam ta' djar u appartamenti għal kiri bi prezz sussidjat, l-Awtorita' bdiet tirriserva numru ta' akkomodazzjonijiet ġodda biex jingħataw b'kiri flok b'xiri. L-Awtorita' ddeċidiet wkoll li l-postijiet li huma intizi għall-kiri jiġu allokati lill-applikanti li qegħdin jistennew fuq il-lista tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali. B'din l-inizjattiva, l-Awtorita' tkun qegħda aktar taqdi l-funzjoni soċjali tagħha u tirrispondi għall-bzonnijiet ta' dawk l-aktar fil-bżonn.

2.5 Bħala riżultat tax-xogħol tat-taqsima ta' riċerka u żvilupp ta' politika ta' l-Awtorita', kien identifikat li parti sostanzjali ta' l-applikanti li qegħdin jistennew fuq il-lista tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali jeħtieġu akkomodazzjoni b'kamra tas-somma waħda. Huwa għalhekk li l-Awtorita' ddeċidiet li fil-proġetti tagħha ta'

bini għall-kiri tipprovdi 20% ta' l-appartamenti li jkunu b'kara tas-sodda waħda jew tnejn. Din id-deċiżjoni bdiet tiġi attwata fil-proġetti l-ġodda.

2.6 Biex l-Awtorita' tħajjar għaqdiet volontarji u għaqdiet li ma jaħdmux għal profitt jidħlu għal responsabiltajiet ġodda fil-provediment ta'akkomodazzjoni u sapport lil persuni bi bżonnijiet soċjali kbar, ġiet imfassla politika ġdida intiża li tagħti assistenza lill-għaqdiet volontarji li jipprovdu jew li għandhom intenzjoni li jipprovdu servizzi residenzjali. Din il-politika tipprovdi għal assistenza fi provizjoni ta' postijiet b'kiri jew bejgħ, jew għotjiet ta' flus għal- xogħlijiet ta' rranġar u titjib f'proprjeta' ta' dawn l-għaqdiet jew fi proprjeta' mikrija minnhom bl-iskop li tinkera bi prezz soċjali lill-klijenti tagħhom. B'din l-Iskema, l-Awtorita' qed tiftaħ il-bibien għall-żvilupp li għandu jimla vojt kbir fil-provediment ta' akkomodazzjoni u sapport lil persumi fi problemi soċjali kbar.

2.7 F'Ottubru 1999, l-Awtorita' ippublikat skemi ġodda li ħadu post l-iskemi eżistenti f'dak iż-żmien. Dawn l-iskemi ġew imfassla biex jiġu vantaġġati familji kbar, persuni b'diżabilita', u dawk li jinsabu mingħajr dar, billi jingħataw benefiċċji akbar u aktar indirizzati għall-bżonnijiet tagħhom. B'dawn l-iskemi, l-Awtorita' kompliet tiżviluppa r-rwol tagħha fid-direzzjoni ta' min l-aktar għandu bżonn ta' assistenza minn fondi pubbliċi, fid-dawl tal-politika tal-Gvern li jsir użu aħjar tar-riżorsi ta' l-Awtorita' biex din taqdi l-missjoni soċjali tagħha.

2.8 Żvilupp ieħor importanti fil-politika imħaddma mill-Awtorita' hija l-involviment aktar dirett tas-settur privat fl-iżvilupp ta' proġetti ta' akkomodazzjonijiet soċjali. F'dan is-sena, sar ħafna xogħol preparatorju biex ikun jistgħu jinħolqu proġetti bi sħubija bejn is-settur privat u s-settur publiku (*Private Public Partnerships).* Żviluppi aktar konkreti bħala riżultat ta' din il-politika huma mistennija li jseħħu tul 2001.

## *3. SENA TA' ĦIDMA*

3.1 260 benefiċjarju ibbenefikaw matul din is-sena li nvolva l-ammont ta' Lm 1,449,460 bħala sussidji f'xiri ta' proprjeta'. Barra minn hekk 3,120 familja gawdew minn sussidju fuq self u fuq iċ-ċens li l-ammont tas-sussidju laħħaq għal Lm 127,289.

3.2 L-Awtorita' tad-Djar allokat l-appartamenti li ħarġu taħt l-Avviż 63 - Bejgħ ta' Appartamenti, *Cluster Houses, Maisonettes* u Garaxxijiet, fejn applikabbli,

f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Marzu 1999. Dawn il-postijiet kienu fil-lokalitajiet ta':-

MALTA - APPARTAMENTI

| Lokalita' | Numru ta' Appartamenti |
|---|---|
| Birkirkara | 1 |
| Birgu | 1 |
| Buġibba | 6 |
| Kalkara | 1 |
| Naxxar | 3 |
| Qawra | 32 |
| Siġġiewi | 4 |
| San Ġwann | 1 |
| Żebbuġ | 4 |
| Total | 53 |

*MAISONETTES* (Ġebel u saqaf)

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Attard | 1 | 1 |
| Birżebbuġa | 25 | 25 |
| Dingli | 2 | 1 |
| Iklin | 2 | 2 |
| Kalkara | 2 | 2 |
| Kirkop | 1 | 1 |
| Luqa | 2 | 2 |
| Mellieħa | 1 | 1 |
| Mosta | 6 | 6 |
| Mqabba | 1 | 1 |
| Msida | 6 | 6 |
| Mtarfa | 3 | 3 |
| Naxxar | 13 | 13 |
| Paola | 1 | 1 |
| Qrendi | 1 | 1 |
| San Ġwann | 12 | 12 |

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Siġġiewi | 6 | 6 |
| Sta Lucia | 18 | 18 |
| Ta' Giorni | 1 | 1 |
| Żurrieq | 2 | 1 |
| Total | 106 | 104 |

*CLUSTER HOUSES*

| Binja | Numru ta' Cluster Houses | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Ġebel id-Dwejra | 3 | 3 |
| Qlejgħa | 1 | 1 |
| Buqana | 2 | 2 |
| Total | 6 | 6 |

GĦAWDEX - *MAISONETTES* (Gebel u Saqaf)

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Qala | 18 | 18 |
| Xagħra | 1 | 1 |
| Total | 19 | 19 |

Il-postijiet taħt dan l-avviż kienu mqassma u applikaw għalihom hekk:-

| KATEGORIJA | APPLIKANTI | UNITS |
|---|---|---|
| A - Applikant miżżewweġ, martu u wliedhom (jekk jkollhom) li mhumiex miżżewġin u jgħixu fl-istess fond miegħu. | 231 | 45 |
| A DIS - Applikant miżżewweġ, martu u wliedhom (jekk jkollhom) li mhumiex miżżewġin u jgħixu fl-istess fond miegħu b'diżabilita'. | 4 | 8 |
| B - Applikant għarus u l-għarusa tiegħu - it-tnejn jkunu għalqu t-18-il sena sa l-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. | 913 | 107 |

| KATEGORIJA | APPLIKANTI | UNITS |
|---|---|---|
| B DIS - Applikant għarus u l-għarusa tiegħu - it-tnejn ikunu għalqu t-18-il sena sa l-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern b'diżabilita'. | 1 | 14 |
| E - Applikant ġenitur wieħed u wliedu li mhumiex miżżewġin u li joqogħdu fl-istess fond miegħu; | 67 | 8 |
| E DIS- Applikant ġenitur wieħed u wliedu li mhumiex miżżewġin u li joqogħdu fl-istess fond miegħu b'diżabilita'. | 1 | 2 |
| TOTAL | 1217 | 184 |

Fit-30 ta' Mejju 2000 taħt Avviż Numru 64 - Bejgħ ta' Appartamenti, Djar, *Cluster Houses, Maisonettes* u Garaxxijiet, fejn applikabbli, f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Mejju 2000, l-Awtorita' tad-Djar ħarġet sejħa pubblika għall-bejgħ taħt is-sistema tal-punti l-postijiet li ġejjin:-

MALTA -APARTAMENTI

| Lokalita' | Numru ta' Appartamenti |
|---|---|
| Birkirkara | 1 |
| Bugibba | 23 |
| Kirkop | 5 |
| Luqa | 1 |
| Msida | 3 |
| Naxxar | 1 |
| Pembroke | 81 |
| Pieta' | 1 |
| Qawra | 46 |
| Siġġiewi | 2 |
| Vittoriosa | 1 |
| Żebbuġ | 2 |
| Total | 167 |

*MAISONETTES* (Gebel u saqaf)

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Attard | 1 | 1 |
| Birzebbuġa | 4 | 4 |
| Buġibba | 2 | 2 |
| Mellieħa | 1 | 1 |
| Mosta | 2 | 2 |
| Mqabba | 1 | 1 |
| Msida | 1 | 1 |
| Naxxar | 1 | 1 |
| Qrendi | 1 | 1 |
| San Gwann | 3 | 1 |
| Sta Luċia | 1 | 1 |
| Total | 18 | 16 |

*DJAR (Finished)*

| Lokalita' | Numru ta' Djar | Garaxx |
|---|---|---|
| Cospicua | 2 | 2 |
| Total | 2 | 2 |

*CLUSTER HOUSES*

| Lokalita' | Binja | Numru ta' *Cluster Houses* | Garaxx |
|---|---|---|---|
| Mtarfa | Binja Buqana | 2 | 2 |
| Total | - | 2 | 2 |

GHAWDEX - *MAISONETTE* (Ġebel u Saqaf)

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Qala | 16 | 16 |
| Xewkija | 10 | 10 |
| Total | 26 | 26 |

Il-postijiet taħt dan l-avviż kienu mqassma u applikaw għalihom hekk:-

| KATEGORIJA | APPLIKANTI | UNITS |
|---|---|---|
| A - Applikant miżżewweġ, martu u wliedhom (jekk jkollhom) li mhumiex miżżewġin u jgħixu fl-istess fond miegħu. | 112 | 69 |
| A DIS - Applikant miżżewweġ, martu u wliedhom (jekk jkollhom) li mhumiex miżżewġin u jgħixu fl-istess fond miegħu b'diżabilita'. | 0 | 8 |
| B - Applikant għarus u l-għarusa tiegħu - it-tnejn jkunu għalqu t-18-il sena sa l-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. | 427 | 105 |
| B DIS - Applikant għarus u l-għarusa tiegħu - it-tnejn ikunu għalqu t-18-il sena sa l-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern b'diżabilita'. | 0 | 17 |
| E - Applikant ġenitur wieħed u wliedu li mhumiex miżżewġin u li joqogħdu fl-istess fond miegħu; | 46 | 14 |
| E DIS- Applikant ġenitur wieħed u wliedu li mhumiex miżżewġin u li joqogħdu fl-istess fond miegħu b'diżabilita'. | 1 | 2 |
| TOTAL | 586 | 215 |

Wara l-verifika ta' l-586 applikazzjoni riċevuta, l-applikanti ġew mogħtija l-punti. Fid-29 ta' Settembru 2000 il-lista tal-punti ġiet ippubblikata fuq in-*Notice Board* ta' l-Awtorita' tad-Djar.

Min ma qabilx mal-punti mogħtija jew ma' l-invalidita' ta' l-applikazzjoni seta' sat-2 ta' Ottubru 2000 joġġezzjona bil-miktub u jagħti r-raġuni għaliex ma qabilx.

Taħt din il-ħarġa ġew riservati aktar postijiet għall-ġenitur wieħed. Fil-fatt ġew riservati 8% tal-postijiet.

Għall-ewwel darba, dawk l-applikanti li jiġu allokati post taħt dan l-avviż jistgħu jisselfu sa 100% tal-prezz sussidjat. Dan setgħa isir possibbli wara li ntlaħaq ftehim mal-APS Bank, HSBC Home Loans (Malta) Ltd u Bank of Valletta plc.




3.3 Waqt l-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet, l-Awtorita' tad-Djar kienet għaddejja wkoll bir-reviżjoni ta' kull sentejn fuq ir-rati ssussidjati ta' l-imgħax, fuq iċ-ċens tal-*HOS plots* u fuq ir-rata ssussidjata ta' l-imgħax ta' self ta' l-iskemi "Sir Sid Ta' Darek". Dan l-eżerċizzju kien jinvolvi 'l-fuq minn 1,819 reviżjoni.




| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' Imgħax | 2½% | 3% | 3½% | 6% | 6½% | 7% |
| Skala ta' dħul fis-sena | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| Mhux aktar minn * | 2000 | 3000 | 4000 | 5000 | | |

* Dhul tal-benefiċjari wara t-tnaqqis kompletat fil-ħarġa relattiva




| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' Imgħax | 1% | 2% | 3% | 4½% | 6% | 7% |
| Skala ta' dħul fis-sena | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| Mhux aktar minn * | 1500 | 2000 | 3000 | 4000 | 5000 | |




| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' Imgħax | ½% | 1% | 1½% | 2% | 2½% | 3% | 3½% | 4% | 4½% | 5% | 5½% | 6% | 6½% | 7% |
| Skala ta' dħul | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| Fis-sena mhux Aktar minn * | 1000 | 1500 | 2000 | 2500 | 3000 | 3500 | 4000 | 4500 | 5000 | 5500 | 6000 | 6500 | 7000 | |

* Dħul tal-benefiċjarju wara t-tnaqqis komtemplat fil-ħarġa relattiv




| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Rata' ta' Imgħax | 3¼% | 4¼% | 5¼% | 6¼% |
| Skala ta' dħul fis-sena | Lm | Lm | Lm | Lm |
| Mhux aktar minn * | 4000 | 5000 | 6000 | |




* Dħul tal-benefiċjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-ħarġa relattiva

3.4 Skema tal-Home Ownership

L-Awtorita' tad-Djar baqgħet għaddejja bil-*policy* tagħha li *plots* allokati taħt l-iskema tal-*Home Ownership* u li jerġgħu jiġu fil-pussess tagħha jiġu żviluppati f'*maisonettes* u garaxxijiet. Taħt l-Avviż Numru 64 ħarġet 9 *maisonettes* u 7 garaxxijiet li nbnew fuq dawn il-plots. Oltre dan l-Awtortia' ħarġet 25 flats u 7 garaxxijiet fuq plots li ġew trasferiti lilha mill-Joint Office. Fil-present l-Awtorita' tad-Djar qegħda taħdem fuq 13-il HOS plot u 45 plot trasferiti lilha mill-Joint Office.

3.5 Skemi

Fit-8 ta' Ottubru 2000, l-Awtorita' tad-Djar ħarġet sett ta' skemi ġodda biex jieħdu post dawk li għalqu fis-7 ta' Ottubru 2000. Dawn kienu:-

Skema X - Skema Ta' L-1999 Għax-Xiri u Għax-Xogħlijiet Ta' Irranġar U Titjib Ta' Djar Privati - din l-iskema ħadet post l-Iskema M

Skema Y - Sussidju ta' Imgħax Fuq Self għad-Djar Settur Privat - din l-iskema ħadet post l-Iskema LSD 16 tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali

Skema Z - Skema Għal Sussidju Fuq Xogħlijiet Ta' Irranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien - din l-iskema ħadet post l-Iskema N

Skema 5 - Sussidju Fuq Xogħlijiet Ta' Irranġar fi Djar Privati Li Huma Okkupati Minn Inkwilini Jew Ċenswalisti - din l-iskema ħadet post l-Iskema L

Skema 6 - Skema Ta' l-1999 Għax-Xiri Ta' Djar Ta' Abitazzjoni Tal-Gvern - din l-iskema ħadet post l-Iskema I

Skema 7 - Għajnuna Finanzjarja Għal Persuni b' Diżabilita' għall-Xogħlijiet Ta' Titjib Relatati mad-Diżabilita' tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom - din l-iskema ħadet post l-Iskema Wieħed

Bi ppubblikar ta' l-Iskema Y, l-Iskemi fil-qasam tad-djar ġew kollha taħt l-auspiċi ta' l-Awtorita' tad-Djar.

F'dan l-aħħar tnax-il xahar l-Awtorita' tad-Djar irċeviet u pproċessat l-applikazzjonijiet taħt l-iskemi differenti kif ġej:-

Skemi għall-xogħlijiet ta' rranġar u titjib

| Skema | Applikazzjonijiet Riċevuti | Applikazzjonijiet Approvati | Applikazzjonijiet Finalizzati | Għotja Approvata |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 3 | 23 | 42 | Lm 24,201 |
| 5 | 209 | 112 | 10 | Lm 154,135 |
| 7 | 102 | 50 | 23 | Lm 55,873 |
| L | 4 | 44 | 86 | Lm 52,626 |
| N | 15 | 69 | 117 | Lm 88,575 |
| T | 2 | 2 | 1 | Lm 4,440 |
| W | 107 | 109 | 45 | Lm 75,020 |
| Z | 200 | 95 | 9 | Lm 129,477 |

L-applikazzjonijiet approvati taħt varji skemi għadhom ma ġewx kollha finalizzati peress li l-applikanti ma ppresentawx d-dokumenti neċessarji biex isir il-ħlas.

* Skema 1: Għajnuna finanzjarja għall-xogħlijiet ta' titjib fir-residenzi okkupati minn persuni b'diżabilita'

* Skema 5: Sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar fi djar privati li huma okkupati minn inkwilini jew ċenswalisti

Skema 7: Għajnuna finanzjarja għal persuni b' diżabilita' għall-xogħlijiet ta' titjib relatati mad-diżabilita' tagħhom f'residenzi okkupati minnhom

* Skema L: Sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar fi djar privati

* Skema N: Skema għal sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar u titjib f'residenzi privati okkupati minn sidien

Skema T: Sussidju fuq xogħlijiet ta' irrangar fi djar privati li huma vojta biex jinkrew lill-Maltin

Skema W : Sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar fi djar proprjeta' tal-Gvern.

Skema Z: Skema għal sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar u titjib f'residenzi privati okkupati minn sidien

*Skemi ta' Fidi ta' Ċnus*

| Skema | Applikazzjonijiet Riċevuti | Applikazzjonijiet Approvati | Applikazzjonijiet Finalizzati | Sussidju Mogħti |
|---|---|---|---|---|
| K | 18 | 48 | 30 | Lm 10,320 |
| P | 3 | 9 | 6 | Lm 1,930 |
| Q | 6 | 37 | 19 | Lm 2,690 |
| Sett'88, Sett'89, Awissu'90 Gunju'91 Lulju'93 | 88 | 82 | 63 | Lm 14,725 |

Skema K: Fidi ta' ċnus ta' HOS plots ta' qabel 1987

Skema P: Fidi ta' ċnus ta' HOS plots ta' qabel 1975

Skema Q: Fidi ta' kumpens għall-okkupazzjoni

*Skemi Biex Tħajjar Persuni Isiru Sid Darhom*

| Skema | Applikazzjonijiet Riċevuti | Applikazzjonijiet Approvati | Applikazzjonijiet Finalizzati | Sussidju Approvat |
|---|---|---|---|---|
| I | 107 | 243 | 134 | Lm 665,038 |
| M | - | - | 2 | Lm 3,150 |
| X | 7 | 2 | - | Lm 2,699 |
| Y | 204 | 119 | 93 | Lm 8,089 |
| 6 | 87 | 23 | - | Lm 24,000 |

* Skema i: Skema għax-Xiri ta' djar ta' abitazzjoni tal-Gvern

Skema M: Skema għax-xiri u għax-xogħlijiet ta' rranġar u titjib ta' djar privati

Skema X: Skema għax-xiri u għax-xogħlijiet ta' irranġar u titjib ta' djar privati

Skema Y: Sussidju ta' imgħax fuq self għad-djar (settur privat)

Skema 6: Skema għax-xiri ta' djar ta' abitazzjoni tal-Gvern

*Skemi Oħra*

| Skema | Applikazzjonijiet Riċevuti | Applikazzjonijiet Approvati | Applikazzjonijiet Finalizzati | Sussidju Approvat |
|---|---|---|---|---|
| R | 148 | 111 | 108 | Lm 20,663 |
| S | 260 | 206 | 172 | Lm 126,092 |

Skema R: Skema Ta' Kera Sussidjata Fuq Residenzi Privati

Skema S: Ħlas Lura ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud Imħallsa Fuq l-Ewwel Dar ta' Abitazzjoni

* Dawn l-iskemi skadew fis-7 ta' Ottubru 1999.

F'każ ta' l-iskemi għall-xogħlijiet ta' titjib u rranġar, l-ammont ta' l-għotja ġie mtella minn Lm 1,800 għall-Lm 2,500 għall-dawk id-djar li jkollhom il-periklu. F'każ ta' periklu, l-Awtorita' tad-Djar għandha *fast track system* fejn jintbgħat il-perit fi żmien jumejn mid-data ta' l-applikazzjoni u l-applikant jiġi informat immedjatament biex jagħmel ix-xogħol neċessarju, suġġett għal aktar verifika. Jiġu wkoll informati bl-ammont ta' l-għotja li ser jingħataw.

Saret amenda fl-iskemi sabiex fil-każ ta' periklu d-dar li fuqha qed jintalab l-għajnuna li tkun imbniet għoxrin sena jew aktar qabel id-data ta' l-applikazzjoni tikkwalifika. Fil-każijiet l-oħra, id-dar trid tkun imbniet qabel is-sena 1960.

Bl-iskop li l-iskemi jiġu applikati għall-dawk li huma l-aktar fil-bzonn, biex wieħed jikkwalifika biex japplika, fost kundizzjonijiet oħra, ma jridx ikollu assi kapitali li jeċċedu il-Lm 12,000 u dħul annwali ta' aktar minn Lm 5,000.

3.6 Ta' Proprjeta' Privata

*Skema 8:- Xiri ta' Proprjeta' Privata Mill-Awtorita' tad-Djar*

Fil-Gazzetta tal-Gvern tas-19 ta' Novembru 1999, l-Awtorita' tad-Djar talbet applikazzjonijiet minghand sidien/ċenswalisti perpetwi ta' postijiet privati vojta li jixtiequ jbiegħulha din il-proprjeta'. Din l-Iskema għalqet fit-30 ta' Diċembru 1999.

Applikazzjonijiet kienu miftuħa għal dawk is-sidien u/jew ċenswalisti perpetwi ta' proprjeta' immobbli residenzjali li fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet kienu ta' l-anqas fi stat ta' ġebel u saqaf kif indikat fl-avviż.

Il-proprjeta' immobbli residenzjali ridet tkun koperta b'permess validu kif ċertifikat mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar (fejn applikabbli) u li ġiet mibnija skond l-istess permess u skond ir-regolarmenti eżistenti tal-bini.

L-Awtorita' tad-Djar tixtri din l-imobbli fi stat ta' kostruzzjoni li tkun attwalment waslet fih u li ta' l-anqas irid ikun kif indikat fl-Avviż, fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet.

Taħt din l-Iskema l-Awtorita' tad-Djar irċeviet 17-il applikazzjoni u l-postijiet offruti tlaħħaq l-ammont ta' 107 b'valur ta' Lm 2.5 milljun.

Ġie mwaqqaf Panel bl-iskop li jiġu verifikati l-applikazzjonijiet riċevuti. Dan il-Panel hu kompost minn:-

(a) żewġ persuni nominati mill-Awtorita' tad-Djar, li wieħed minnhom ikun iċ-*chair* tal-*Panel*. Iċ-*Chair* ikollu vot oriġinali u *casting vote* f'każ ta' parita';

(b) persuna nominata mill-Ministru responsabbli mid-Djar wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni;

(c) rappreżentant tad-Direttur tal-Kuntratti;

(d) rappreżentant tal-Ministeru tal-Finanzi.

Sal-lum intlaħaq ftehim ma' erba' sidien għax-xiri ta' 24 appartament u maisonettes. Id-dokumenti qegħdin għand in-Nutar Prinċipali tal-Gvern ħalli jsiru l-kuntratti ta' trasferiment.

## 3.7 Installar u lifts f'postijiet tal-Gvern

Fl-okkazjoni tal-ġimgħa għall-persuni b'diżabilita' lli saret f'Diċembru 1999, l-Awtorita' tad-Djar estendiet l-iskema tal-*lifts* għall-dawk il-blokki/entraturi ta' appartamenti tal-Gvern li fihom jgħixu persuni b'diżabilita' ta' mobilta'. Għal dan il-għan, l-Awtorita' tad-Djar bagħtet bil-posta, lill-dawk il-persuni li huma reġistrati bħala *disabled* mall-Kummissjoni Nazjonali Persuni b'Diżabilita', kopja ta' l-Iskema tal-*lifts* u kopja ta' l-Iskema Numru Sebgħa - Għajnuna Finanzjarja Għal Persuni b' Diżabilita' għall-Xogħlijiet Ta' Titjib Relatati mad-Diżabilita' tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom. B'kollox sal-lum l-Awtorita' tad-Djar irċeviet 91 l-applikazzjoni. Wara li saru spezjonijiet fid-dettal fuq il-post, minn Arkittet u Inġinier Ċivili fl-impjieg ta' l-Awtorita' tad-Djar, il-posizjoni hi:-

| | | |
|---|---|---|
| Permessi maħruġa mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar | Floriana - 8<br>Pieta' - 2<br>Ta' Xbiex - 1<br>Tarxien - 1<br>Valletta - 7 | 19 |
| Applikazzjonijiet pendenti ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar | Floriana - 2<br>Lija - 1<br>Ta' Xbiex - 1<br>Valletta - 10 | 14 |
| Tenders mogħtija | Floriana - 4<br>Pieta' - 2 | 6 |
| Qegħdin isiru l-pjanti | Cospicua - 8<br>Floriana - 10<br>Kalkara - 4<br>San Gwann - 1<br>Valletta - 5 | 28 |
| Total | | 67 |

Bħalissa qegħdin isiru spezjonijiet fuq l-applikazjonijiet l-oħra.

Fl-1 ta' Awissu 2000 l-Awtorita' tad-Djar għamlet sejħa għall-*tenders* biex jigu nstallati sitt *lifts* ċioe' 4 fil-Floriana u 2 f'Tal-Pieta'. L-offerti għalqu fis-19 ta' Settembru 2000. Fi ftit tal-jiem oħra ser tingħata l-offerta.

3.8 Konvenji / Kuntratti

F'dan il-perjodu:-

1. 119 konvenju u 134 kuntratt ta' bejgħ ta' djar u appartamenti tal-Gvern taħt Skema "i".

2. 2 konvenju ta' bejgħ ta' djar u appartamenti tal-Gvern taħt Skema "6".

3. 138 konvenju u 126 kuntratt ta' bejgħ ta' appartamenti/*maisonettes* ġodda tal-Gvern.

4. 34 kuntratt fuq garaxxijiet u ħwienet maħruġa b'offerti.

5. 16-il kuntratt fuq *soil area*.

6. 30 kuntratt ta' fidi ta' ċnus ta' *HOS Plots* li ġew allokati taħt l-1 sal-10 ħarġa - Skema K

7. 66 kuntratt u 2 ftehim taħt Skema L - għotja lill-inkwilini għall-irranġar u titjib fi djar privati.

8. 2 kuntratti u ftehim wieħed taħt Skema M - għotja għax-xiri ta' djar privati mill-inkwilini u għotja għal xogħol ta' irranġar u titjib kif ukoll self issussidjat għax-xiri tal-fond u għal xogħlijiet ta' irranġar u titjib.

9. 100 kuntratt u 5 ftehim taħt Skema N - għotja għal xogħol ta' rranġar u titjib lis-sidien li joqogħdu fir-residenza tagħhom.

10. 6 kuntratti taħt Skema P- fidi ta' ċnus ta' *HOS plots* allokati qabel l-1979 mid-Dipartiment ta' l-Art.

11. 19-il ftehim taħt Skema Q - fidi ta' kumpens gravanti *HOS plots.*

12. 108 ftehim taħt skema "R" - sussidju fuq il-kera ta' residenzi privati.

13. 3 kuntratti taħt Skema T - Sussidju fuq xogħlijiet ta' irrangar fi djar privati li huma vojta biex jinkrew lill-Maltin

14. 63 kuntratt u 30 ftehim taħt Skema W - Sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar fi djar proprjeta' tal-Gvern.

15. Kuntratt wieħed taħt Skema X - Skema għax-xiri u għax-xogħlijiet ta' irranġar u titjib ta' djar privati.

16. 93 kuntratt taħt Skema Y - Sussidju ta' imgħax fuq self għad-djar (settur privat).

17. 47 kuntratt u 25 ftehim taħt Skema Z - Skema għal sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar u titjib f'residenzi privati okkupati minn sidien.

18. 24 kuntratt taħt Skema Wieħed - Għajnuna finanzjarja għal xogħlijiet ta' titjib fir-residenzi okkupati minn persuni b'diżabilita'.

19. 6 kuntratti u 2 ftehim taħt Skema Tlieta - Sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar fi djar proprjeta' tal-Gvern.

20. 46 kuntratt u 21 ftehim ftehim taħt Skema Ħamsa - Sussidju Fuq Xogħlijiet Ta' Irranġar fi Djar Privati Li Huma Okkupati Minn Inkwilini Jew Ċenswalisti.

21. 24 kuntratt u 21 ftehim taħt Skema Seba' - Għajnuna finanzjarja għal persuni b' diżabilita' għall-xogħlijiet ta' titjib relatati mad-diżabilita' tagħhom f'residenzi okkupati minnhom.

22. Saru 71 kuntratt minn Nutara magħżula mill-benefiċjarji stess ħalli jiġu ffinalizzati t-trasferimenti tal-*HOS plots* lill-benefiċjarji. Oltre dawn saru wkoll 63 kuntratt rigward fidi ta' ċnus gravanti fuq l-istess *HOS plots.*

### 3.9 Il-Proġett ta' l-Imtarfa

Matul din l-aħħar sena tkompliet il-ħidma ta' l-Awtorita' tad-Djar biex jitlestew il-proġetti li nbdew qabel u fil-preparazzjoni għall-bidu ta' proġetti ġodda ta' bini ta' djar f'ħames siti oħra mxerrda madwar l-Imtarfa.

Nistgħu ngħidu li l-proġetti mibdija din is-sena tlestew għal kollox inkluż *landscaping* u dwal fit-toroq. Sar pass kbir meta l-Awtorita' tad-Djar allokat numru ta' uffiċċini fit-*Town Centre* lill-Kunsill Lokali ġdid ta' l-Imtarfa u b'hekk iċ-ċentru beda jieħu l-ħajja. Sadanittant tlesta ċ-ċentru pastorali mibni mill-Knisja fuq art mogħtija mill-Awtorita' tad-Djar.

Tlesta u nħareġ tender għar-restawr tat-Torri ta' l-Arloġġ ta' l-Imtarfa u xi xogħol inbeda f'qasir fis-sajf. Ir-restawr tal-bini mistenni jinbeda f'qasir żmien. Tkomplew id-disinji tal-bini ta' maisonettes u appartamenti mqassmin f'ħames proġetti. Inħareġ il-permess għall-26 maisonettes bil-garaxxijiet magħhom fi Triq San David u tlestew id-dokumenti biex jinħareġ it-tender. Saru applikazzjonijiet ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar għall-20 appartament bil-garaxxijiet magħhom fi Triq Sir Leslie Rundle u 44 appartamenti bil-garaxxijiet magħhom fi Triq il-Kaptan. Barra minn dan, saru disinji preliminari għall-madwar 90 unit ieħor bil-garaxxijiet fuq żewġ siti oħra fl-Imtarfa u dawn ġew diskussi f'laqgħat preliminari ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Il-proġetti ġodda kollha jinkludu l-*landscaping* madwar il-bini u s-serrvizzi u t-toroq kollha meħtieġa.

Barra minn dan, l-Awtorita' tad-Djar ħadet sehem f'laqgħat mall-Kunsill Lokali ta' l-Imtarfa sabiex talbiet, ilmenti u ħtieġijiet jiġu diskussi u jintlaħaq ftehim fuq ix-xogħol li għandu jsir sabiex ir-residenti jkunu moqdija bil-faċilitajiet u servizzi kollha meħtieġa.

3.10 Attivitajiet oħra matul is-sena

3.10.1 Ftuħ ta' ħwienet fuq HOS Plots

L-Awtorita' tad-Djar irċeviet 8 applikazzjonijiet għall-ftuħ ta' ħwienet fuq *HOS plots*. Erba' minn dawn ġew approvati.

3.10.2 Bejgħ ta' HOS Plots minn Benefiċjarji ta' l-Awtorita' tad-Djar lill Terzi

Wara l-pubblikazzjoni ta' l-Avviż Numru 47 li deher fil-Gazzetta ta' l-1 ta' Marzu 1994, fejn wieħed jista' jiddisponi mill-*HOS plots* u l-benefikati ta' fuqha lil terzi persuni, l-Awtorita' tad-Djar irċeviet 4 applikazzjonijiet li 2 ġew approvati. Saru 2 atti ta' trasferiment.

Fl-istess perjodu, l-Awtorita' ħarġet 57 permess ta' bejgħ lil dawk il-benefiċjarji li xtaqu jbiegħu d-dar li bnew fuq il-*plot*. Minn dawn, ġew finalizzati 36.

3.10.3 Sezzjoni Teknika

Bħal snin preċedenti, is-Sezzjoni Teknika kellha sehem kbir fl-attivita' ta' l-Awtorita'. Saru:-

(1) 14-il spezzjoni rigward ħlas ta' *cash grants* lill-benefiċjarji ta' l-*HOS Plots;*

(2) 114 *Progress Report,* biex jinżamm kontroll fuq l-iżvilupp ta' *HOS Plots;*

(3) 159 spezzjoni biex isiru *Line Drawings* tar-residenzi ta' l-applikanti ma' l-Awtorita' tad-Djar. Saru wkoll 630 spezzjoni fuq applikazzjonijiet mad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u 327 spezzjonijiet fuq ilmenti lill-Awtorita', valutazjonijiet, ftuħ ta' ħwienet illegali fost oħrajn.

(4) 286 spezzjoni ħalli l-inkwilini jkunu jistgħu jixtru r-residenza tagħhom;

(5) 55 spezzjoni fuq proprjeta' tal-Gvern għall-installar tal-*lifts* (Skema V) biex isiru l-pjanti għall-applikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar;

(6) 17-il spezzjoni fuq proprjeta' privata taħt Skema Tmienja;

(7) 1,250 spezzjoni fuq diversi skemi ta' għajnuna mill-Awtorita'.

(8) 630 spezzjoni f'dawk il-postijiet li residenti tagħhom għandhom applikazzjoni għall-akkomodazzjoni alternattiva mad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali.

Barra minn hekk saru:-

(1) 286 pjanta ta' residenzi proprjeta' tal-Gvern;

(2) 12-il pjanta għal *Land Registry* u 162 pjanta għal Dipartimenti oħra;

(3) Ipproċessar ta' 95 pjanta rigward bini fuq *HOS Plots;*

(4) 975 appuntament b'ittra u 1,020 oħra permess tat-telefon.

Sar ukoll Rapport dwar l-artijiet ta' l-Uffiċċju Konġunt.

Oltre dan qed tipprepara l-pjanti għall-iżvilupp ta' *plots* f'*maisonettes* u garaxxijiet li ser isiru mill-Awtorita' tad-Djar f'diversi lokalitajiet f'Malta u f'Għawdex. Ġew ippreparati wkoll it-*Tender Documents* għal dawn il-*maisonettes.*

Saru 298 talbiet lill-Kummissarju ta' l-Artijiet ħalli jiġu ttrasferiti lilha postijiet tal-Gvern permezz ta' Ordni Presidenzjali.

Xogħol ieħor magħmul minn din is-sezzjoni kien 118 *Condition Reports* fuq garaxxijiet u appartamenti/*maisonettes* ġodda tal-Gvern. Dawn ir-*reports* saru *on site* fil-preżenza tal-benefiċjarji tagħhom. Saru wkoll *site plans* u spezzjonijiet biex jiġi 'zgurat li art li fuqha ser isir żvilupp mill-Awtorita' tad-Djar ma tkunx okkupata.

Fir-rigward tat-talbiet li saru taħt Skema Tmienja biex sidien privati jbiegħu l-proprjeta' tagħhom lill-Awtorita', is-Sezzjoni Teknika kienet involuta bis-sħiħ billi għamlet spezzjonijiet, *layout plans* u anke rakkomandazzjonijiet fuq il-proprjeta' offruta. Dawn id-dokumenti ġew mgħoddija lill-Panel nominat mill-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar biex jistudja dawn l-offerti.

3.10.4 Postijiet mhux residenzjali b'offerta

Permezz tad-Dipartiment ta' l-Art, l-Awtorita' tad-Djar ħarġet għall-bejgħ b'offerti postijiet mhux residenzjali f'Attard, Birżebbuġa, Buġibba, Bormla, Iklin, Kirkop, Luqa, Mosta, Msida, Mtarfa, Naxxar, St Venera, Ta' Giorni, Tarxien, u Żurrieq.

3.10.5 Slum Clearance Group

Il-Kumitat magħruf bħala *Slum Clearance Group* biex jikkordina l-proċeduri tal-proġetti tas-*Slum Clearance* f'diversi lokalitajiet f'Malta, kompla l-ħidma tiegħu. F'dan il-perjodu saru diversi laqgħat.

3.10.6 Laqgħat maċ-Chairperson u Chief Executive Officer

Iċ-Chairperson u l-Chief Executive ta' l-Awtorita' tad-Djar iltaqgħu mas-Sindki tal-lokalitajiet differenti bil-għan li tersaq aktar viċin taċ-ċittadin. Il-Customer Care Unit ta' l-Awtorita' tad-Djar attendiet fil-Kunsill Lokali tal-Birgu, Bormla, Isla, Kalkara, Fgura, Msida u l-Belt Valletta. F'Marzu 2000 l-Awtorita' tad-Djar waqfet is-servizzi fil-lokalitajiet ta' Isla, Bormla u Birgu pero bi ftehim mall-Kunsill Lokali ta' Bormla, residenti f'dawn ilt-tlett postijiet jistgħu jattendu fil-Kunsill Lokali ta' Bormla. Barra minn dan ser jinbdew laqgħat mal-Kulleġġ tas-Sindki biex persuni jistgħu jirrikorru fil-Kunsill Lokal tagħhom għall-ħtieġijiet tagħhom fil-kamp tad-djar mingħajr ma jkollhom bżonn immuru fl-uffiċċju ta' l-Awtorita' tad-Djar, il-Furjana.

Laqgħat oħrajn saru ma' *Non Government Organisations*, għaqdiet li jaħdmu fil-kamp tal-volontarjat, banek kummerċjali, Dipartimenti tal-Gvern u awtoritatjiet oħra.

### 3.10.7 One Stop Shop

Matul din is-sena, l-Awtorita' tad-Djar saret *one stop shop*. Bħala riżultat ta' dan, benefiċjarji prospettivi ma baqgħalhomx il-ħtieġa li jmorru f'Dipartimenti tal-Gvern jew entitajiet oħra biex jiġbru d-dokumenti neċessarji għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni tagħhom.

### 3.10.8 Kampanja ta' Informazzjoni

Bil-għan li l-iskemi tagħha ikunu aktar magħarfa mill-pubbliku, l-Awtorita' tad-Djar ippubblikat fuljett fejn jintwerew s-servizzi li qed toffri li dawk fi bżonn ta' *housing*. Dawn ġew distribwiti lill-Kunsilli Lokali kollha f'Malta u Għawdex u lill-banek. Uffiċċjali ta' l-Awtorita' tad-Djar ħadu sehem f'programmi televizivi u tar-radju biex jiġu spjegati l-iskemi ta' l-Awtorita' tad-Djar u jiġu risposti domandi tas-semmiegħa. Dawn il-programmi ħallew il-frott tagħhom.

- L-applikazzjonijiet taħt skemi varji zdied b'mod sostanzjali kif jidher hawn taħt:-




A: Skemi għal xogħlijiet ta' rranġar u titjib

B: Skemi biex tħajjar persuni isiru sid darhom

C: Skemi ta' sussidju fuq il-kera u refuzjoni ta' VAT

D: Skemi ta' fidi ċnus.

* F'dan l-ammont hemm 1049 applikanti taħt Skema Q - Fidi ta' kumpens għall-Okkupazzjoni - li kienet Skema ġdida u numru ta' nies applikaw biex jibbenefikaw mir-rata sussidjata qawwija ta' fidi. Taħt din l-Iskema min applika fl-ewwel xhur setgħa jifdi ċ-ċens granvanti l-HOS Plot tiegħu bir-rata ta' 9% flok dik legali ta' 5%.

- Barra minn hekk 10,537-il persuna attendew fil-*Customer Care Unit* matul dan il-perjodu.

Bħala rizultat ta' dan, meta jitħabbar il-*Quality Charter* ta' l-Awtorita'tad-Djar il-ħinijiet għall-pubbliku ser jitwalu għall-aktar konvenjenza għal dawk li jiġu fl-uffiċċji ta' l-Awtorita' tad-Djar

3.10.9 Flood Relief Proġect f'B'Kara

L-Awtorita' tad-Djar u l-Kunsill Lokali ta' B'Kara nedew proġett bejniethom biex jitwaqqa bini ezistenti f'Mannarino Road B'Kara u floku jinbnew 29 appartament, garaxxijiet u ħwienet bil-għan li jispiċċa darba għal dejjem l-għargħar u l-ħsarat ikkaġunati minnhom f'din il-lokalita'. Il-permess tal-bini nħareġ. Saret anke valutazzjoni tal-proprjeta' ezistenti mid-Dipartiment ta' l-Art. L-Awtorita' tad-Djar u l-Kunsill Lokali ta' B'Kara zammew taħdidiet ma' sidien u inkwilini ezistenti li huma effettwati b'dan il-proġett. L-inkwilini tal-bini residenzjali ġew offruti postijiet alternattivi għat-tul taż-żmien ta' dan il-proġett. Hu ttamat li t-twaqqieħ jinbeda fi ftit taż-żmien ieħor.

*3.11 Cottonera Family Resource Centre*

Bħala sehem tagħha għat-twaqqief ta' *Cottonera Family Resource Centre,* l-Awtorita' tad-Djar ikkontrubwiet s-somma ta' Lm 15,000. F'dan iċ-Ċentru nies mill-Kottonera jew lokalitajiet ta' madwara jkunu jistgħu jmorru f'dan iċ-Ċentru u jiġu mogħtija l-għajnuna neċessarja.

### 3.11.1 *Quality Service Charter*

Fi ftit tal-jiem oħra l-Awtorita' tad-Djar ser tippubblika il-*Quality Service Charter* tagħha. Minn dan il-fuljett joħroġ ċar xi drittijiet għandu ċ-ċittadin, minn x'hiex jista jibbenefika u l-obbligi ta' l-Awtorita' tad-Djar favur tagħhom.

### 3.11.2 Pembroke

L-Awtorita' tad-Djar bdiet l-izvilupp f'Pembroke. Fil-fatt qed jinbena blokk ta' 81 l-appartament u garaxxijiet fuq *Site* B. Ingħata l-bidu għall-bini ta' 36 *maisonette* u garaxxijiet fuq *Site* F. Ser jinħarġu l-offerti għall-bini ta' 76 il-appartament fuq *Site* A u 2 *maisonettes* fuq HOS Plots wara li ħarġu il-permessi neċessarji. Saru applikazzjonijiet mall-Awtorita' ta' l-Ippjanar għall-bini ta' 64 l-appartament oħra fuq *Site* A, 18-il appartament fuq *Site* B, 46 il-*maisonette* fuq *Site* C u 62 il-*maisonette* fuq *Site* D.

### 3.11.3 Panel ta' l-Awtorita' tad-Djar għall-Approvazzjoni ta' Pjanti eċċ.

Peress li l-Bord prezenti ta' l-Awtorita' tad-Djar jrid jkun aktar konxju dwar l-izvilupp ta' proġetti li qegħdin isiru kemm mill-Awtorita' tad-Djar stess jew mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar u li huma kollha iffinanzjati mill-fondi ta' l-Awtorita' tad-Djar, ġie iffurmat sotto-kumitat taħt id-direzjoni ta' perit li huma membru tal-Bord ta' l-istess Awtorita' tad-Djar. L-iskop ta' dan is-sotto-kumitat hu li l-pjanti jiġu approvati minnhu qabel ma jiġu sottomessi lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

B'deċizjoni oħra tal-Bord, kull modifika għall-pjanti, pagamenti lill-kuntratturi għal xogħlijiet u talbiet għall-estenzjonijiet ta' żmien għat-tlestija ta' proġetti ta' bini jridu jiġu approvati kollha mill-Awtorita' tad-Djar.

### 3.11.4 Attivita' Kummerċjali fuq HOS Plots u Djar Mibjugħa mill-Awtorita' tad-Djar

L-Iskema biex benefiċjarji ta' *plots* jew ta' djar mingħand l-Awtorita' tad-Djar jkunu jistgħu jifthu attivita' kummerċjali mir-residenza ġiet riveduta. Fil-fatt, it-tipi ta' attivita' ġew mwessa, bil-kundizzjoni li din l-attivita' ma tkunx ta' xi inkonvenjent għall-ġirien u li tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

3.11.5 Reħabilitazjoni ta' kerrejja

L-Awtorita' tad-Djar bħalissa għaddej il-bini ta' postijiet ġodda fejn qabel kien hemm kerrejja li issa twaqqgħu. Il-lokalitajiet li fihom hemm proġetti simili jew ta' reħabilitazzjoni huma l-Belt Valletta, il-Birgu, Bormla, il-Furjana u l-Imsida.

3.11.6 Nies b'Bzonnijiet Speċjali

*(1) Postijiet Residenzjali għall-Non Government Organisations*

- L-Awtorita' tad-Djar waslet fi ftehim mall-Fondazjoni "Suret il-Bniedem" biex din il-fondazzjoni tiġi allokata b'kiri erba' postijiet fil-Belt biex jiġu akkommodati persuni *homeless.*
- Sar ftehim mall-Eden Foundation fejn l-Awtorita' tad-Djar allokatilha b'kera post f'Ħal-Luqa biex jiġu akkommodati persuni b'diżabilita' mentali li llum jistgħu jiġu integrati fis-soċjeta'.
- Saret allokazzjoni ta' żewġ postijiet residenzjali lill-Richmond Foundation biex jiġu akkomodati persuni bi preblemi ta' saħħa mentali u li issa jistgħu jiġu integrati fil-komunita'.
- Dar oħra ngħatat lill-"Dar il-Wens" biex jiġu akkomodati persuni b'diżabilita'.
- Qed isir studju biex bini f'Wied il-Għajn jiġi konvertit fi appartamenti zgħar li jkunu jikkonsistu f'kamra tas-sodda, *kitchenette*, u kamra tal-banju biex jiġu użati minn persuni b'diżabilita'.

*(2) Għajnuna għall-Attivitajiet Residenzjali lill-Settur tal-Volontarjat*

L-Awtorita' tad-Djar faslet inizjattiva biex tagħti assistenza lill-volontarjat li jipprovdu jew għandhom l-intenzjoni li jipprovdu servizz lill-persuni bi bżonn.

Din l-assistenza tikkonsisti fi

- Provizjoni ta' post jew aktar, b'kiri jew bejgħ;
- Għotjiet ta' flus għall-xogħlijiet ta' rranġar u titjib f'postijiet proprjeta' tagħhom jew mikrija minnhom.

*(3) Sussidju ta' Kera f'Postijiet Privati*

L-Iskema R - Skema Ta' Kera Sussidjata Fuq Residenzi Privati - ġiet estiza għal dawk il-persuni li ser jitilqu minn istituzjonijiet jew minn *half way homes* u li, fl-opinjoni ta' l-organiżazzjoni jibbenefikaw billi jgħixu ma' persuni oħra f'residenza ordinarja fil-komunita'.

L-organiżazzjoni tista tidentifika proprjeta' li tkun adekwata għall-bzonnijiet ta' dawn il-persuni u tapplika għall-sussidju fuq il-kera tal-fond. Din il-proprjeta' trid ikollha kamra tas-sodda għal kull persuna bl-eċċezzjoni ta' koppja miżżewġa u/jew b'tfal taħt it-tnax-il sena.

3.11.7 Estenzjoni ta' l-Iskemi ta' sussidju fuq imgħax ta' self lill-Banek kollha

Wara deċiżjoni tal-Kabinett tal-Ministri biex l-Iskemi kollha ta' sussidju fuq rata ta' l-imgħax tas-self jiġu estiżi għall-banek kummerċjali kollha, fit-8 ta' Frar 2000, l-Awtorita' tad-Djar iffirmat ftehim mall-Bank of Valletta plc u HSBC Home Loans (Malta) Ltd. L-APS Bank Ltd ser jippartecipa aktar tard.

3.11.8 Konferenza Nazjonali dwar il-*Housing*

Fit-13 ta' April 2000, l-Awtorita' tad-Djar flimkien mal-Ministeru għall-Politika Soċjali organizzaw Konferenza Nazjonali bl'isem "Social Housing : Now and in the Future". Din il-konferenza ipparteċipaw, fost oħrajn, membri mill-Planning Authority, Banek kummerċjali, l-Assoċjazzjoni tal-Estate Agents, l-Uffiċċju Konġunt, il-*Building Industry Consultative Council* (B.I.C.C), il-Kamra tal-periti u l-pubbliku in ġenerali. Ħadu sehem ukoll tlett mistednien barranin.

3.11.9 Konferenzi Internazjonali dwar il-*Housing*

- Dr. Maya Milajnic Brinkworth attendiet workshop fuq "Urban Renewal and Housing Modernisation" organizat minn UN/ECE *Environment and Huma Settlements Division and Ministry for Regional Development* tar-Republika Ċeka li saret f'Praga bejn l-14 u s-17 ta' Ġunju 2000.

- Iċ-Chairperson ta' l-Awtorita' tad-Djar - is-Sinjura Marisa Micallef Leyson irrapresentat lill-Ministru għall-Politika Soċjali fil-laqgħa Ministerjali u il-61 Sezzjoni tal-UN ECE *Committee on Human Settlements* li saret f'Ġinevra bejn it-18 u l-20 ta'

Settembru 2000 fejn tagħat rendikont tat-temi prinċipali fil-kamp tad-djar fil-gzejjer Maltin.

F'din il-laqgħa ġie ikkunsidrat u addottat l-ECE *Strategy on Sustainable Quality of Life in Human Settlements in the 21st Century* u d-dikjarazjoni Ministerjali.

Dr. Maya Miljanic Brinkworth akkumpanjat lis-Sinjura Micallef Leyson.

3.12 Spettorat ġdid

Peress li l-Awtorita' tad-Djar trid tassigura aħjar li kull min ha post ta' residenza fil-fatt qed josserva il-kundizzjonijiet tal-kuntratt li jkun intrabat li josserva, ser titwaqqaf spettorat fi ħdanha għal dan il-għan.

Dan l-ispettorat huwa neċessarju speċjalment minħabba l-amalgamazzjoni.

3.12.1 Revizjoni ta' kull sentejn fuq rata ta' l-imgħax tas-self u ta' ċnus.

Minn 1993 lill-hawn, f'kull sena ir-revizjoni fuq ir-rata sussidjata ta' self, u fejn applikabbli fuq ir-rata ta' ċens, taħt l-iskemi ta' l-Awtorita' tad-Djar jiġi prezunt illi d-dħul annwu aggregat tal-benefiċjarji jkun ogħla bi skala applikabbli immedjatament qabel id-data ta' revizjoni. Jekk il-benefiċjarju jidhirlu li r-rata tas-sussidju ma għandhiex togħla għandu d-dritt li joġġezjona u jibgħat id-dokumenti neċessarji għar-revizjon. Din is-sistema kellha rizultati posittivi.

A bazi ta' dan ir-rizultat il-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar ser jinforma lill-dawk il-benefiċjarji li ibbenfikaw minn xi skema simili ta' qabel 1993 biex jikkoperaw magħha halli tiġi addottata din is-sistema prezenti ċioe' dik ta' wara 1993.

B'hekk hu ttamat li r-riżorsi ta' l-Awtorita' tad-Djar jigu uzati aħjar għall-skopijiet ta' għajnuna lil dawk li għandhom l-aktar bżonn.

*4. PROĠETTI GHALL-FUTUR*

4.1 Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' l-Awtorita' tad-Djar hi li tħajjar kull familja Maltija u Għawdxija jkollha post diċenti fejn tgħix. Fejn hu possibbli tħeġġeġ aktar inkwilini jsiru sidien ta' djarhom.

4.2 L-Awtorita' tad-Djar flimkien mad-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar qegħdin iwettqu diversi bini ta' proġetti f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex kif jidhru hawn taħt:-

Proġetti li qed isir xogħol fuqhom

| LOKALITA' | NUMRU TA' POSTIJIET |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Birżebbuġa (Tal-Papa) | 24 *Maisonette* |
| Bormla | 26 Appartament |
| Buġibba | 20 Appartament<br>2 *Maisonettes* |
| Fgura | 42 Appartament |
| Kirkop (Ta' Teuma) | 27 Appartament |
| Marsa | 1 Appartament |
| Msida (Triq G. Ellul Mercer) | 25 Appartament |
| Pembroke (Blk B) | 81 Appartament |
| Pembroke (Blk F) | 36 *Maisonettes* |
| Qawra | 71 Appartament |
| Santa Lucia | 18-il *Maisonette* |
| Ta' Giorni | 9 Appartamenti |
| Tarxien | 7 Appartamenti |
| Valletta | 35 Appartament |
| Zabbar | 8 Appartamenti |
| | |
| GĦAWDEX | |
| | |
| Xewkija (Ta' Gok) | 20 *Maisonette* |

Proġetti li ser jinbeda x-xogħol fuqhom

| LOKALITA' | NUMRU TA' POSTIJIET |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Attard | 6 *Maisonettes*<br>1 *Terraced House* |
| Birgu (Pope Alexander Street) | 3 Appartamenti |
| Bormla | 2 Appartamenti |
| Mellieħa | 2 *Maisonettes* |
| Qawra | 44 Appartament |
| Qrendi | 2 *Maisonettes* |
| San Pawl il-Baħar | 28 Appartament |
| Tarxien | 6 Appartamenti |
| Zurrieq | 11-il Appartament |

Applikazzjonijiet mal-*Planning Authority*

| LOKALITA' | NUMRU TA' POSTIJIET |
|---|---|
| MALTA | |
| B'Kara | 62 Appartament<br>6 *Maisonettes* |
| Bormla | 63 Appartament |
| Floriana | 8 Appartamenti |
| Luqa | 82 Appartament |
| Mosta | 20 *Maisonettes* |
| Msida | 78 Appartament |
| Mtarfa | 68 Appartament<br>4 *Maisonettes* |
| Pembroke | 82 Appartament<br>108 *Maisonettes* |
| Qawra | 39 Appartament |
| Siġġiewi | 4 *Maisonettes* |
| Żejtun | 4 *Maisonettes*<br>1 *Terraced House* |

Proġetti li qegħdin fil-bidu tagħhom

| LOKALITA' | NUMRU TA' POSTIJIET |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Birżebbuġa | 2 *Maisonettes* |
| Burmarrad | 30 Appartament |
| Floriana | 40 Appartament |
| Lija (Tal-Mirakli) | 2 *Maisonettes* |
| Marsascala | 15-il Appartament<br>*2 Maisonettes* |
| Mtarfa | 63 *Maisonettes*<br>26 Appartament |
| Siġġiewi | 3 Appartamenti |
| Żabbar (Ta' St Domenica) | 2 *Maisonettes* |
| Zurrieq | 14-il *Maisonette* |
| | |
| GĦAWDEX | |
| | |
| Għasri (Triq il-Fanal) | 8 *Maisonettes* |

Proġetti fi stadju ta' *Tendering*

| LOKALITA' | NUMRU TA' POSTIJIET |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Birżebbuġa | 30 Appartament<br>1 *Terraced House* |
| Birkirkara | 10 *Maisonettes*<br>9 Appartamenti |
| Bormla | 49 Appartament<br>4 *Maisonettes* |
| Fgura | 2 *Maisonettes*<br>1 *Terraced House* |

| LOKALITA' | NUMRU TA' POSTIJIET |
|---|---|
| Floriana | 4 Appartamenti |
| Kirkop | 2 Appartamenti<br>2 *Maisonettes* |
| Isla (St Philip Street) | 3 Appartamenti |
| Marsaxlokk | 20 Appartament |
| Mosta | 8 *Maisonettes* |
| Mqabba | 5 Appartamenti<br>2 *Maisonettes*<br>1 *Terraced House* |
| Msida | 65 Appartament |
| Mtarfa | 26 Appartament |
| Naxxar | 44 *Maisonettes* |
| Pembroke | 76 Appartament<br>2 *Maisonettes* |
| Qrendi | 14-l Appartament<br>5 *Maisonettes* |
| Safi | 3 Appartamenti<br>2 *Maisonettes* |
| Siġġiewi | 4 *Maisonettes* |
| Swieqi | 2 *Maisonettes* |
| | |
| GĦAWDEX | |
| Victoria (Tal-Far) | 18-il *Maisonette*<br>*1 Terraced House* |

Siti Identifikati

| LOKALITA' | NUMRU TA' POSTIJIET |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Kirkop | 14-il *Maisonette* |
| Lija | 2 *Maisonettes* |
| Marsaxlokk | 1 *Maisonette* |
| Mellieħa | 2 *Maisonettes* |
| Mrieħel | 8 *Maisonettes* |

| LOKALITA' | NUMRU TA' POSTIJIET |
|---|---|
| Paola | 15-il *Maisonette* |
| Qrendi | 25 *Maisonette* |
| Siġġiewi | 8 *Maisonette* |
| Tarxien | 17-il *Maisonette* |
| Zabbar | 7 *Maisonettes* |
| Zebbuġ | 19-il *Maisonette* |
| Zejtun | 2 *Maisonettes* |
| Zurrieq | 32 *Maisonette* |
| TOTAL: | 1,966 |

4.3 L-Uffiċċju Konġunt ittrasferixxa lill-Awtorita' tad-Djar diversi artijiet f'Malta biex jiġu żviluppati għal skop ta' djar soċjali. Fil-preżent qegħdin isiru l-pjanti neċessarji biex isiru applikazzjonijiet ta' żvilupp lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

## *5. GĦELUQ*

Minn eżami bir-reqqa fuq il-ħidma ta' l-Awtorita' tad-Djar li toħroġ minn dan ir-rapport jirrizulta bl-attivita' kbira li kelhom l-impjegati kollha tagħha, liema attivita' saret b'dedikazzjoni kbira. Il-pubbliku in ġenerali għen bil-kooperazzjoni tiegħu biex l-Awtorita' tad-Djar qdiet id-dmir tagħha.

Ringrazjament imur lid-Diretturi u l-istaff tad-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar, tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali u ta' l-Uffiċċju Konġunt għall-kooperazzjoni tagħhom fit-twettieq tal-proġetti ta' l-Awtorita' tad-Djar.

16 ta' Novembru 2000

Sinjura Marisa Micallef Leyson MSc. (Policy Studies)

Sur Carmelo Esposito

Dr. Joseph Azzopardi LL.D

*DAHLA*

Fis-sena 1999/2000 l-Awtorita' tad-Djar kellha nefqa totali ta' 6.51 miljun lira kif jidher fit-tabella I ta' hawn taht.

Tabella I




Dan l-ammont jirrapprezenta 3.35 miljun lira f'nefqa kapitali, 1.97 miljun lira f'nefqa soċjali u 1.19 miljun lira f'nefqa rikorrenti.

*A. NEFQA KAPITALI*

A.1 Il-parti l-kbira tan-nefqa kapitali, jiġifieri 3.35 miljun lira kienet fuq il-bini tad-djar u appartamenti ġodda. Matul din is-sena l-Awtorita' tad-Djar kellha diversi proġetti mxerrda ma' Malta u Ghawdex. L-istima proġettata tan-nefqa Kapitali ma' ntlahqitx minhabba dewmien fil-hruġ tal-permessi kif ukoll minhabba illi ċerti kuntratturi waqghu lura fix-xoghol. Fis-sena finanzjarja li jmiss tinghata spinta biex il-bini

proġettat jitwettaq. Huwa stmat li l-Awtorita' tad-Djar ser ikollha nefqa kapitali ta' 5.65 miljun lira.

A.2 Tkompla x-xogħol ta' l-attrezzamenti fl-uffiċini ta' l-Awtorita' tad-Djar fil-Furjana. Dan jgħin ħafna kemm għall-pubbliku in ġenerali kif ukoll biex jinħoloq ambjent aħjar għall-ħaddiema. Barra minn hekk l-Awtorita' akkwistat fondi numri 10 u 11 fi Triq Pietro Floriani l-Furjana biex tniffidhom ma' l-uffiċini eżistenti. Dan il-bżonn inħass minħabba l-amalgamazzjoni ta' Dipartimenti oħra ma l-Awtorita'.

A.3 Il-kompjuterizzazzjoni fl-uffiċini tkompliet u x-xogħol f'diversi sezzjonijiet qiegħed isir aktar effiċjenti.

Tabella II

**INFIEQ KAPITALI MATUL IS-SNIN**




**SNIN FINANZJARJI**

B. NEFQA SOĊJALI.

B1. L-iskop ewlieni ta' l-Awtorita' tad-Djar hu li tgħin lill-poplu Malti u Għawdxi li jkollu dar diċenti fejn jgħix u li tħeġġu li jsir sid ta' daru. In-nefqa soċjali f'sussidji din is-sena kienet ta' 1.97 miljun lira. Din in-nefqa tkopri diversi sussidji mogħtija lill-benefiċjarji kif ġej hawn taħt :-

(1) tnaqqis mill-prezz kummerċjali ta' l-appartamenti.
(2) tnaqqis mill-ħlas taċ-ċnus.
(3) tnaqqis mill-prezz tal-fidi taċ-ċnus.
(4) sussidju fuq l-imgħax fuq self mill-Banek.
(5) sussidju fuq il-kera.
(6) għotjiet ta' flus lill-benefiċjarji li ġew allokati plot fl-iskema tal-*Home Ownership.*
(7) għotjiet ta' flus lill-benefiċjarji biex jixtru u/jew jirrangaw id-djar tagħhom biex b'hekk dawn id-djar ma jibqgħux *substandard*.
(8) Għotjiet ta' flus lill-persuni b'diżabilita' biex jinstallaw *stair lift* fid-djar tagħhom.

Din is-sena kellna nefqa ta' Lm 395,911 sussidji fuq skemi. Din turi zieda ta' Lm 92,192 fuq in-nefqa tas-sena l-oħra. It-tnaqqis tas-sussidju fuq il-bejgħ ta' l-appartamenti ġodda hu dovut għall-fatt illi ċerti appartamenti mibjugħa kienu mibnija fuq art li għada mhix akkwistatata mill-Awtorita'. Għalhekk il-kuntratt finali ma' setax jiġi iffirmat u fl-*Accounts* ta' l-Awtorita' id-dħul nett ta' dawn l-appartamenti jidher bħala kreditur u l-valur kollu ta' l-appartamenti bħala *stock.* Fil-fatt id-dħul nett mill-bejgħ ta' appartamenti ġodda għal dis-sena kien ta Lm 2.38 miljun filwaqt illi tas-sena l-oħra kien ta Lm 2.35 miljun lira.

B.2 L-ammont ta' sussidju fuq il-bejgħ ta' l-appartamenti u djar ġodda għal din is-sena kien ta' madwar 650 elf lira. Dan is-sussidju hu direttament relatat mal-bejgħ ta' l-istess djar u juri medja ta' tnaqqis ta' 34 fil-mija tal-prezz.

B.3 L-ammont ta' sussidju mogħti lill-inkwilini ta' postijiet tal-Gvern li xtraw il-post fejn joqgħodu taħt l-Iskema I din is-sena kien ta' 800 elf lira. Dan is-sussidju juri medja ta' tnaqqis ta' 57 fil-mija tal-prezz.

B.4 Mill-fidi taċ-ċnus fuq l-artijiet maħruġa taht l-H.O.S din is-sena kellna dħul ta' 134 elf lira. Fuq dan l-ammont l-Awtorita' tad-Djar tagħat sussidju ta' Lm 26 elf lira.

B.5 Bħalma jidher fir-rapport amministrattiv hemm ammont sostanzjali ta' applikazzjonijiet li ġew approvati taħt l-iskemi L, M, u N u li l-benefiċjarji tagħhom għadhom ma pprezentawx il-kontijiet tax-xogħolijiet. Għalhekk l-ammont ta' dawn is-sussidji ser jiġu mħallsa fis-sena finanzjarja li jmiss. Ġie għalhekk stmat l-ammont ta' Lm 500,000 f'sussidji għas-sena d-dieħla.

B.6 L-Awtorita', biex tgħin lil benefiċjarji ta' l-iskemi tal-*Home Ownership* kif ukoll lil dawk li jridu jsiru sidien ta' djarhom, tagħti sussidju fuq is-self li dawn jieħdu

mingħand il-HSBC Home Loans Ltd jew l-Bank of Valletta plc. L-Awtorita' kellha nefqa ta' Lm100,779 bhala sussidju fuq dan is-self.

TABELLA III




## *C. NEFQA RIKORRENTI*

C.1 L-Awtorita' tad-Djar tagħmel dawk il-pagamenti kollha dovuti fuq l-imgħaxijiet fuq self u ħlas lura tal-kapital.

C.2 L-Awtorita' tipprovdi fondi għall-ħlas lura tas-self. Dan isir biex b'hekk l-Awtorita' ma jkollhiex piz zejjed f'dik is-sena illi fiha jkun imiss illi jitħallas xi parti minn dan is-self.

## *D. DĦUL U BEJGĦ TA' PROPRJETA'*

Il-programm tal-bini u bejgħ ta' appartamenti kompla b'ritmu tajjeb. L-ammont hu bbazat fuq valur ikkalkolat mill-Awtorita' tad-Djar fuq l-appartamenti u djar li tbiegħ. Dan il-valur ikopri l-ispejjez ta' art, servizzi ta' l-infrastruttura, bini u servizzi professjonali, izda jibqa dejjem aktar baxx mill-prezzijiet fis-suq.

E. *DHUL RIKORRENTI*

L-għan ta' l-Awtorita' tad-Djar hu li l-benefiċjarji jkollhom dar aċċettabli li fiha jistgħu jgħixu. F'każijiet ta' diffikultajiet finanzjarji u psikoloġiċi, l-Awtorita' tad-Djar tippermetti trasferimenti ta' *plots* minn benefiċjarji għal terzi persuni. Dan it-trasferiment irid isir skond l-iskemi ta' l-istess Awtorita' li jnaqqsu l-ispekulazzjoni.

AWTORITA' TAD-DJAR
ESTIMI GĦAS-SENA 2000/2001
FIL-QOSOR

INFIEQ

| | | 2000/2001 Lm |
|---|---|---|
| A | Nefqa Kapitali | 5,655,000 |
| B | Nefqa Soċjali F'Sussidji | 2,520,000 |
| C | Nefqa Rikorrenti | 1,331,000 |
| | TOTAL | 9,506,000 |

FINANZJATI MID-DĦUL LI ĠEJ:-

| | | |
|---|---|---|
| D | Dħul minn bejgħ ta' proprjeta' tal-Gvern | 5,198,000 |
| E | Dħul Rikorrenti | 767,000 |
| F | Bilanċ Fil-Kont Kurrenti | 378,000 |
| G | Kontribuzzjoni mill-Fond Konsolidat għas-sena 2001 | 1,100,000 |
| H | Bilanċ dovut mill-Fond Konsolidat għas-sena 2000 | 495,386 |
| I | Likwidazzjoni ta' investimenti | 1,567,614 |
| | TOTAL | 9,506,000 |

## A. NEFQA KAPITALI

| 1998/1999 NEFQA Lm | 1999/2000 STIMA Lm | 1999/2000 NEFQA Lm | DETTAL | 2000/2001 STIMA Lm | 2000/2001 Noti Għall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|
| 2,683,458 | 5,012,000 | 3,298,304 | 1. Programm ta' bini ta' Appartamenti u djar ġodda | 5,580,000 | Vot li jkopri akkwist ta' art, bini ta' appartamenti ġodda u infrastruttura madwarhom |
| 32,947 | 70,000 | 10,458 | 2. Attrazzament tal-uffiċċji ta' l-Awtorita' | 35,000 | * Vot għat-tkomplija ta' attrazzament ta' l-uffiċċji ta' l-Awtorita'tad-Djar, zjieda fl-għamara u tagħmir ieħor |
| 6,374 | 20,000 | 23,282 | 3. Zjieda fl-kompjuterizazzjoni tal-uffiċċji | 20,000 | Vot għal aktar attrezzament tal-kompjuter kif ukoll xiri ta' sistema speċjalizzata għall-uzu tal-periti. |
| 7,000 | 25,000 | 16,500 | 4. Xiri ta' vetturi | 20,000 | Xiri ta' vetturi ġodda. |
| 2,729,779 | 5,127,000 | 3,348,544 | TOTAL | 5,655,000 | |

* L-Awtorita' akkwistat fondi numri 10 u 11 fi Triq Pietro Floriani l-Furjana biex tniffidhom ma' l-uffiċini ezistenti. Dan il-bzonn inħass minħabba l-amalgamazzjoni ta' Dipartimenti oħra ma' l-Awtorita'.

## B. NEFQA SOĊJALI F'SUSSIDJI

| 1998/1999 | 1999/2000 | | DETTAL | 2000/2001 | |
|---|---|---|---|---|---|
| NEFQA Lm | STIMA Lm | NEFQA Lm | | STIMA Lm | Noti Għall-Estimi |
| 1,233,064 | 788,000 | 649,509 | 1. Sussidju lis-sidien fuq xiri ta' postijiet ġodda battala mibnija mill-Awtorita' | 1,060,000 | Appartamenti ma jinbiegħux bil-prezz kummerċjali tagħhom izda bi prezzijiet issussidjati skond skemi stabbiliti. |
| 1,210,080 | 720,000 | 799,951 | 2. Sussidju lill-inkwilini ta' postijiet tal-Gvern | 750,000 | |
| 375,874 | 10,000 | 26,510 | 3. Sussidju fuq ħlas u fidi ta' ċnus | 10,000 | Vot li jkopri sussidju mogħti fuq il-pagamenti annwali u fidi ta' ċnus ta' H.O.S. Plots. |
| 303,719 | 700,000 | 395,911 | 4. Sussidju fuq l-iskemi ta' l-Awtorita' | 500,000 | Vot li jipprovdi fondi għal sussidju fuq ħlas tal-kera, tiswijiet u/jew akkwist ta' residenzi fis-settur privat u għajnuna lill-persuni b'diżabilita' taħt skemi varji. |
| 108,074 | 150,000 | 100,779 | 5. Sussidju fuq l-imgħaxxijiet ta' self mill-benefiċjarji ta' diversi skemi | 150,000 | Vot għal sussidji lill-benefiċjarji fuq l-imgħaxxijiet imħallsa fuq self. |
| - | - | - | 6. Għotja lill-Organizazzjonijiet mhux Governattivi (N.G.O's) | 50,000 | |
| 3,230,811 | 2,368,000 | 1,972,660 | TOTAL | 2,520,000 | |

## C. NEFQA RIKORRENTI

| 1998/1999 NEFQA Lm | 1999/2000 STIMA Lm | 1999/2000 NEFQA Lm | DETTAL | 2000/2001 STIMA Lm | 2000/2001 Noti Għall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|
| 2,188,957 | 663,000 | 662,816 | 1. Ħlas ta' imgħaxxijiet fuq self għall-izvilupp | 678,000 | Vot għall-ħlas ta' imgħaxxijiet fuq self |
| - | - | - | 2. Ħlas lura ta' self għall-izvilupp | 1,122.000 | * |
| 403,132 | 470,000 | 416,564 | 3. Salarji, pagi ecc.. | 520,000 | |
| 68,661 | 70,000 | 67,694 | 4. Ħtiġijiet ta' l-uffiċċju | 90,000 | |
| 20,093 | 25,000 | 23,830 | 5. Transport | 27,000 | |
| 1,957 | 4,000 | 8,026 | 6. Ħlas ta' dawl u ilma | 6,000 | |
| 1,771 | 2,000 | 1,850 | 7. Spejjez legali u ta' reġistrazzjoni ta' l-art | 2,000 | |
| 926 | 10,000 | 5,528 | 8. Spejjez fuq konferenzi u taħriġ għall-impjegati | 7,000 | Vot għal taħriġ ta' l-impjegati u għall-attivitajiet kulturi f'oqsma differenti ta' l-amministrazzjoni |
| 998 | 1,000 | 1,079 | 9. Ħlas lill-Awdituri | 1,000 | |
| 665,000 | 593,000 | 593,000 | 10. Fond għall-ħlas lura tas-self | 620,615 | ^ l-Awtorita' tad-Djar għandha programm ta' provvedimenti ta' kull sena għall-ħlas lura tas-self |
| 2,686,495 | 1,245,000 | 1,187,387 | TOTAL | 1,331,000 | |

* Dan l-ammont ikopri l-ħlas lura ta' self ta' CHR 4,290,000 minn għand il-*European Resettlement Fund.* Peress illi dan l-ammont huwa diġa kopert b'investiment, mhux ser jidher bħala spiza għas-sena 2000/2001.

^ Dan l-ammont ikopri s-*Sinking Fund* meħtieġ għas-sena 2000/2001. Billi dan l-ammont huwa diġa kopert b'investimenti, mhux ser jidher bħala spiza għas-sena 2000/2001.

## D. DHUL MINN BEJGĦ TA' PROPRJETA'

| 1998/1999 | 1999/2000 | | DETTAL | 2000/2001 | |
|---|---|---|---|---|---|
| DHUL Lm | STIMA Lm | DHUL Lm | | STIMA Lm | Noti Għall-Estimi |
| 3,588,026 | 2,816,000 | 3,031,259 | 1. Bejgħ ta' apparamenti ġodda | 3,928,000 | * Stima ta' valur kummerċjali ta' postijiet ġodda, mibnija mill-Gvern u mill-Awtorita' tad-Djar li jitlestew sal-2001 u li jinbiegħu bis-sistema tal-punti. |
| 2,117,687 | 1,200,000 | 1,438,454 | 2. Bejgħ ta' postijiet lill-inkwilini | 1,250,000 | * Stima b'valur kummerċjali ta' postijiet tal-Gvern u ta' l-Awtorita' tad-Djar li jinbiegħu lill-inkwilini taħt id-diversi skemi ta' l-Awtorita' tad-Djar. |
| 1,337,112 | 20,000 | 133,728 | 3. Fidi ta' ċnus | 20,000 | * Stima ta' fidi ta' ċnus fuq artijiet ta' l-H.O.S. |
| 7,042,825 | 4,036,000 | 4,603,441 | TOTAL | 5,198,000 | |

* Is-sussidju relatat ma' dawn il-voti jidher fuq pagna 43 "Nefqa Soċjali f'Sussidji".

# E. DHUL RIKORRENTI

| 1998/1999 | 1999/2000 | | DETTAL | 2000/2001 | |
|---|---|---|---|---|---|
| DHUL Lm | STIMA Lm | DHUL Lm | | STIMA Lm | Noti Għall-Estimi |
| 162,198 | 100,000 | 128,452 | 1. Ċnus minn artijiet li ħarġu taħt l-iskemi tal-H.O.S | 100,000 | # Kera miġbura minn dawk il-postijiet li jgħaddu f'idejn l-Awtorita' tad-Djar biex jinbiegħu sakemm jinbiegħu, kif ukoll xi postijiet mibnija mill-fondi ta' l-Awtorita' |
| 38,077 | 8,000 | 57,645 | 2. Kera minn postijiet | 8,000 | |
| 1,180 | 1,000 | 1,350 | 3. Dħul minn permessi għall-ħwienet | 1,000 | Drittijiet li jitħallsu lill-Awtorita' meta tapprova permessi għal ftuħ ta' ħwienet f'bini fuq artijiet tal-H.O.S |
| 1,881 | 1,000 | 1,380 | 4. Lawdemju | 1,000 | Ħlas ta' lawdemju ikun dovut lill-Awtorita' tad-Djar fuq trasferiment lill-terzi persuni. |
| 7,800 | 5,000 | 5,700 | 5. Dħul minn trasferimenti ta' bini fuq artijiet ta' H.O.S | 2,000 | Jekk bini fuq art tal-H.O.S. jiġi trasferit lill-terzi persuni bil-kunsens ta' l-Awtorita' tad-Djar ikun dovut ħlas lill-Awtorita'tad-Djar. |
| 123,567 | 25,000 | 59,270 | 6. Rimborz ta' sussidju | 10,000 | Jekk bini fuq art ta' H.O.S jiġi trasferit qabel ma jagħlaq iż-żmien stipulat fl-iskema relattiva, ikunu jridu jitħallsu lura s-sussidji jew parti minnhom lill-Awtorita' tad-Djar. |
| 668,112 | 824,000 | 742,138 | 7. Imgħax minn investimenti u flus fil-bank | 645,000 | Vot li jkopri dħul ta'interessi minn investimenti temporanji u fondi għall-ħlas lura tas-self. |
| 1,792,198 | 2,640,000 | 1,556,611 | 8. Likwidazzjoni ta' investimenti | 1,567,614 | Vot li jkopri likwidazzjoni ta' investiment/assi biex jagħmel tajjeb għad-diskrepanza bejn dħul u ħruġ. |
| 900,000 | 1,100,000 | 604,614 | 9. Kontribuzzjoni mill-fond konsolidat | 1,595,386 | |
| 3,695,013 | 4,704,000 | 3,157,160 | TOTAL | 3,930,000 | |

# Is-Sussidju relatat ma' dan il-vot jidher fuq paġna 43 "Nefqa Soċjali f'Sussidji".